MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Numru. 410/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSPEH AGIUS**

**KONTRA**

**ANTOINE CARUANA ta' 34 sena, iben Carmelo u Jane nee' Farrugia, imwieled Tal-Pieta' nhar il-21 ta' Ottubru, 1977, residenti fil-fond Upper Belvedere, Flat 2, Triq S Buhagiar, Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 520877M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Antoine Caruana** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta' Novembru, 2007, ghall-habta ta' 06.10hrs, fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun,

b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Hyundai Stellar, bin-numru tar-registrazzjoni KAM803, ikkaguna il-mewt ta' Benedetto Camilleri miz-Zejtun, li dak il-hin kien qieghed jaqsam l-istess triq.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju nhar is-26 ta' Novembru, 2008, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni.

In konsiderazzjoni ta' din il-kawza, din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda u qrat l-atti, ser tiehu in konsiderazzjoni x-xhieda ta' terz okulari certu Lawrence Falzon u x-xhieda ta' l-espert tekniku Mario Buttigieg.

Mela dan Falzon xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta li hu kien bhala taxi driver qieghed iwassal tfajla, u kien ghaddej lejn iz-Zejtun fil-hin ta' l-incident, qal illi kien qieghed jiksah, kien kmieni fil-ghodu pero kien ghadu d-dlam. Ra ragel fil-boghod, ikkalkula tul mill-Awla numru 7 sa l-Awla numru 3. Rah fil-wieqfa qieghed ikellem mara. Mistoqsi fejn kien dan, wiegeb illi kien on the left, 'il barra mill-bankina. Kien qieghed jaqsam imma wieqaf. Xehed li petpitlu l-bright tliet darbiet, daqqlu l-horn, u dan qasam jigri ghan-naha l-ohra. Zied illi minflok mar lejn il-bankina ghax kien aktar vicin taghha, mar ghan-naha l-ohra tat-triq. Qal illi ghalhekk kienet tiela' karozza u laqtitu. Insista li s-sewwieq l-iehor li hu ma kienx jafu (mentri kien jaf lill-mejjet bhala l-purtinar tieghu meta kien ghadu zghir) ma kellux tort.

Giet moqrija lilu wkoll ix-xhieda li ta fl-Inkjesta. Hawn qal illi l-pedestrian li ra fid-distanza twila qasam it-triq b'pass mghaggel. Meta gie milqut hu ma semax brakes ta' kaz ta' velocita' tal-vettura l-ohra, minhabba li kien mohhu fix-xih.

Mistoqsi jekk dik il-persuna fil-fatt kinitx waqfet fit-triq meta bdiet taqsam, wiegeb illi kien qieghed jaqsam, wieqaf, u kien qieghed jitkellem ma' persuna li kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Minn naha tieghu l-espert Mario Buttigieg gie kontro ezaminat minhabba l-konkluzjonijiet tieghu, cioe' li l-imputat kellu jwiegeb ghall-mewt ta' Benedetto Camilleri, ta' sewqan traskurat u perikoluz, u sewqan b'velocita' qawwija.

L-istess espert baqa' nsistenti li ghalkemm hu wasal fuq il-post ta' l-incident fix-xemx, id-dwal tal-Gvern, li dak il-hin kienu kollha ghadhom mixghulin, kienu kollha funzjonanti.

Qabel illi t-triq ta' l-incident kienet fil-wita, li kienet triq twila pero li kellha harira telgha f'parti minnha.

Ikkonferma li kien kellem ukoll lix-xhud Lawrence Falzon. Qabel ukoll illi l-imputat kien qieghed isuq within the speed limit li kienet taghtih dik it-triq, cioe' taht is-sittin kilometru fis-siegha. Qal illi fl-opinjoni tieghu la l-pedestrian kien vizibbli ghad-driver, wiehed li rah u anke waqaflu biex jaqsam, allura l-imputat bl-istess vizibilita' u bl-speed li kien ghaddej, imissu rah u seta' jevita l-incident. Zied illi l-vittma intlaqtet meta lehqet qasmet tliet kwarti tat-triq, u ntlaqtet b'nofs il-karozza. Meta giet moqrija lilu parti mix-xhieda ta' Lawrence Falzon, cioe' li l-vittma ghazel illi jmur in-naha l-ohra tat-triq minflok lejn il-bankina fejn kien aktar vicin, is-Sur Buttigieg wiegeb illi l-opinjoni tieghu kienet inbidlet fis-sens li jekk il-vittma qabad u qasam, allura kien hemm element ta' traskuragni minn naha tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubju ta' xejn mill-konkluzjoni peritali, u dak li xehed l-istess Mario Buttigieg, is-sewqan ta' l-imputat kien ezatt fil-limiti li trid il-Ligi ghal dawk l-inhawi. Jirrizulta mill-sketch redatt mill-Perit Richard Aquilina li t-triq de quo kif xehed l-istess espert Buttigieg kienet fil-wita u tgawdi minn vizwali tajba. Dan jidher anke mill-istess site plan ezebita ma' l-

istess relazzjoni a folio 19. Jirrizulta wkoll kemm mill-sketch imsemmi kif ukoll mill-istess site plan, illi l-imputat jekk gej minn Triq Arcipriet Degabriele, kellu ftit ta’ dawra, hekk kif inhi l-konfigurazzjoni tat-triq, biex allura jigi fid-dritt. Ammetta l-espert Buttigieg li hawn it-triq kellha ftit ‘gradient’. Dan bhala fatt seta’ ma tax lis-sewwieq imputat l-istess vizwali kompleta li kien igawdi Lawrence Falzon fi triqtu aktar ghad-dritt. Pero kif ben sostna Mario Buttigieg, il-vittma gie milqut meta gia’ kien fi tliet kwarti tat-triq, allura kif qabad id-dritta l-imputat issa suppost rah, u jidher illi hekk gara ghax mal-wita bdew il-break marks, vide sketch imsemmi. Taqbel ukoll din il-Qorti li l-pedestrian ikkontribwixxa ferm ghal dan l-incident jekk ittituba liema naha ser jaqsam u anke possibbilment hasad lil Caruana.

Hemm punt krucjali li pero din il-Qorti ma taqbilx mieghu, punt dan instigat mid-Difiza. Kif gia’ gie espost, l-espert tal-Qorti Mario Buttigieg in kontro ezami wasal biex jaqbel ma’ dak suggerit lilu mid-Difiza, li Caruana stante li kien miexi bis-36 mil fis-siegha, accettat dan mid-Difiza, kien within the speed limit impost mill-Ligi f’dawk l-akwati, cioe’ ta’ 60 kilometru fis-siegha. Hawn pero d-Difiza svijjat bil-kbir lill-istess espert li b’hekk stranament biddel il-konkluzjonijiet tieghu.

Fil-fatt l-speed limit ta’ 60 kilometru fis-siegha l-espert semmieh vera a pagna 14 tar-rapport tieghu, pero fil-kuntest meta semma MVR 127.

Aktar tard fir-rapport tieghu l-espert ghamel ukoll referenza ghall-Highway Code, Regola 153, li tistipula li f’certi areas residenzjali (din it-triq fuq naha minnhom hi) anke bla bankini (fuq naha wahda din m’ghandhiex) l-speed limit jista’ jkun ta’ 35 kilometru fis-siegha.

L-istess espert ikkonkluda a folio 18 tar-rapport tieghu, illi li kieku Caruana kien qieghed isuq bil-velocita’ stipulata mill-Ligi, dik ta’ tletin fis-siegha, seta’ jkun kapaci bi brake jevita lill-mejjet.

Ikkunsidrat:

Illi certament din il-Qorti tqis illi l-mejjet ikkontribwixxa ferm ghall-incident, ghall-mod kif qasam it-triq, pero Caruana ma kellu ebda skuza li ma jarahx anke ghaliex laqtu b'nofs il-karozza fuq il-karreggjata tieghu.

Ghaldaqstant, qieghda ssib lil Antoine Caruana hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset illi stante l-kontribuzzjoni tal-pedone f'dan l-incident, tqis illi hu m'ghandux ibaghti piena ta' prigunerija effettiva, ghalkhekk qieghda tikkundannah ghal sentejn(2) prigunerija sospizi ghal erba'(4) snin, wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tikkundannah ukoll ihallas il-multa ghall-ammont ta' €2,000;

Rat ukoll it-talba li ghamlet il-Prosekuzzjoni fl-akkuza, u cioe' l-iskwalifika taht l-Artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, pero tali skwalifika hija marbuta ma' hinijiet taht l-Artikoli 15A u 15B – reati mhux addebitati, ghaldaqstant din il-Qorti mhix ser tapplika tali skwalifika.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €1,770.11

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------